MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2023

Appell Inferjuri Numru 60/2020LM

**Proman Limited (C 84386)**
*('l-appellanta')*

***vs*.**

**Michael Scerri (K.I. nru. 625051(M)) u**
**Doris sive Doreen Scerri (K.I. nru. 897351(M))**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Proman Limited (C 84386)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mis-sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha

ddeċieda billi laqa’ l-ewwel parti tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti **Michael Scerri (K.I. nru. 625051(M))** u **Doris sive Doreen Scerri (K.I. nru. 897351(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellati’], filwaqt li astjena milli kkunsidra t-tieni u t-tielet parti tal-istess eċċezzjoni, u b’hekk għadda sabiex illibera lill-imsemmija appellati mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti.

**<u>Fatti</u>**

2. L-appellati kienu nkarigaw lil Mario Falzon personalment li kien jiġġestixxi negozju taħt l-isem ‘Proman Interiors’, u li llum huwa d-direttur tas-soċjetà appellanta, sabiex iforni materjal u jeżegwixxi diversi xogħlijiet fil-villa fi Triq Jean Houel, Birguma, Naxxar [minn issa ‘il-fond’]. Madankollu nqala’ xi diżgwid bejn il-partijiet dwar il-kwalità tax-xogħol, u għalhekk ġie terminat l-inkarigu tiegħu mill-appellati. Kien proprju sussegwenti għat-tmiem tal-inkarigu msemmi, li l-appellati għamlu ordni għall-konsenja ta’ madum.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà appellanta ppreżentat talba quddiem it-Tribunal fil-konfront tal-appellati sabiex:

> *“...l-konvenuti jħallsuha s-somma ta’ elfejn, disa’ mija u disa u sebgħin euro, u ħdax il-ċenteżmi (€2,979.11ċ) rappreżentanti prezz ta’ madum mibjugħ u konsenjat fil-villa tal-konvenuti li tinsab sitwata fi Triq Jean Houel, Birguma, Naxxar.*
>
> *Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali numru 1610/2019, tal-ittra legali mibgħuta preċedentement, u inkluż l-imgħax legali mill-14 ta’ Jannar 2019, data tal-bejgħ u konsenja kontra l-konvenuti minn issa nġunti biex jidhru personalment għas-subizzjoni”.*

4. L-appellati wieġbu it-30 ta' Ġunju, 2020 fejn eċċepew li t-talbiet tas-soċjetà appellanta kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet: (i) preliminarjament ma kien hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet; (ii) huma kienu dejjem innegozjaw mad-direttur tas-soċjetà appellanta fil-vesti tiegħu personali; u (iii) fir-rigward tal-appalt in kwistjoni, il-mertu kien jinsab pendenti quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, permezz tal-kawża fl-ismijiet **Mario Falzon *vs.* Michael Scerri et**, Rik. Nru. 737/18RGM, u kien Mario Falzon id-debitur tagħhom.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Kunsiderazzjonijiet*

*Illi t-Tribunal iqis li għandu l-ewwel u qabel kollox jinvestiga l-ewwel parti (sa ċertu punt, magħdud mal-bidu tat-tieni parti) tal-eċċezzjoni imressqa mill-konvenuti. Dan huwa hekk għaliex f'każ li dan l-argument jintlaqa' allura investigazzjoni ulterjuri tkun inutili.*

*Illi permezz ta' din il-linja difensjonali, il-konvenuti jgħidu li huma m'għandhom l-ebda relazzjoni mas-soċjetà attriċi. Fi kliem ieħor qiegħdin jattakkaw l-interess ġuridiku meħtieġ mis-soċjetà attriċi sabiex din tmexxi fil-konfront tagħhom (fn. 18 Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited,*** *(App Ċiv Nru: 289/2006/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' April 2008 ġie mfakkar hekk:* "In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad ezempju, f'kondominju jew il-kreazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati,

għandu relazzjoni ġuridika. Naturalment, l-aċċertament ta' din ir-relazzjoni jrid isir fuq il-bażi tal-petitum u, ċjoe, tar-riżultat persegwit fil-ġudizzju mill-attur bit-talba tiegħu". *Huma jibbażaw dan l-argument fuq il-fatt li r-relazzjoni tagħhom, matul is-snin, dejjem kienet mad-direttur tal-istess, ċioé Mario Falzon personalment u mhux ma' din id-ditta.*

*Illi wara debita riflessjoni, li ħa l-ħin tiegħu, dan it-Tribunal isib li din l-ewwel parti tal-eċċezzjoni hija ġusta.*

*Illi huwa ben aċċettat li teżisti preżunzjoni li meta wieħed jidħol f'kuntratt partikolari (f'dan il-każ, mhuwiex sejjer isir dibattitu dwar jekk il-mertu ta' dan il-proċediment jifformax parti konsegwenzjali għall-appalt jew huwiex wieħed separat, minħabba dak li sejjer jingħad fil-parti konkludorja) ikun qiegħed jagħmel dan f'ismu personali (fn. 19 Ikun qiegħed jonqos it-Tribunal jekk ma jagħmilx referenza għas-sentenza (u għall-konfezzjonament ta' ġurisprudenza hemm magħmula) fl-ismijiet* ***AC Enterprises Limited vs Victor Galea et****, (App Nru: 323/2014) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Jannar 2016) u mhux in rappreżentanza ta' xi soċjetà. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza nostrana hija waħda għal kwantu konkordi (fn. 20 F'dan is-sens fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Acma Inox and Metal Limited vs George Cauchi et****, (Rik Nru: 444/10) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Marzu 2017. Fuq l-istess vena kienet ukoll is-sentenza, iċċitata diversi drabi, fl-ismijiet* ***Frank Cilia noe vs Charles Sciclunа****, mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ nhar is-27 ta' April 1992. F'din l-aħħar sentenza kien ġie affermat hekk: ""*hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta li f'isem ħaddieħor". *Ma jkunx futili wkoll li ssir referenza għas-sentenza fl-****ismijiet M.C.F. Company Ltd vs Charles Buhagiar et****, (Rik Maħluf Nru: 1008/14) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Ġunju 2016. Ir-referenza hija kemm għal dak hemm deċiż kif ukoll għar-rakkolta ġurisprdenzjali in materja.)*

*Illi dawn il-kriterji japplikaw b'mod ġenerali kemm jekk persuna hix konvenuta jew attriċi f'xi proċediment partikolari. B'hekk fjankat ma' dan il-kunċett hemm il-kwistjoni tal-leġittimità attiva jew passiva, skont il-każ.*

*Illi mhijiex is-sentenza finali li tagħti d-dritt soġġettiv utilizzat; din tal-aħħar tikkonferixxi d-dritt ta' esekuzzjoni fuq dak id-dritt allegat, ġialadarba jiġi hekk konfermat permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja (fn. 21 F'dan is-sens il-ġurista Lodovico Mortara jgħallem hekk:* "La sentenza non crea dal nulla un diritto subbiettivo, ma conferisce forza ed effetto di diritto subbiettivo ad una pretesa presentata al

magistrato sotto forma di domanda o di eccezione; e fa presumere che questo diritto abbia pre-esistito all'iniziamento del rapporto processuale, per il tempo che conviene alla sua natura e alle circostanze particolari del fatto". (fn. 21 - Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile, II Volume, Casa Editrice Dottor Francesco Vallardi, III edizione, a fol 547. *Bl-istess mod jgħid il-ġurist Piero Calamandrei, meta bil-mod filosofiku tiegħu dwar il-kunċett tal-karattru ta' sentenza jgħid hekk:* "La sentenza ha carattere dichiarativo; in quanto essa non mira a creare il diritto, non tende a formare nuovi rapporti giuridici, ma si limita a riconoscere le concrete volontà di legge, nelle quali giá, prima del processo e senza l'intervento del giudice, la norma astratta si é specializzata, indirizzandosi ai soggetti del rapporto giuridico controverso." – Opere Giurdiche, Vol I, Problemi Generali del Diritto e del Processo, Roma TrE-PRESS, *stampat wara awtorizzazzjoni mill-eredi tiegħu fis-sena 2019, a fol 67.) Fi kliem forsi aktar sempliċi, min jaġixxi sabiex jiġi konkretizzat lilu d-dritt minnu utilizzat jew ksur lamentat tiegħu, għandu in primis juri li huwa jippossjedi dak id-dritt (fn. 22 L-istess ġurist Lodovico Mortara, riferut fin-notament preċedenti jkompli jispjega hekk:* "L'interesse ad agire o difenderesi e dunque un interesse giuridico; vale a dire, non puó consistere nel sempliċi godimento altruistice e tutto intellettuale di procurare la ripristinazione dell'impero di una norma giuridica violata; ma deve concretarsi anzitutto nella possibilità che chi agisce sia il soggetto del diritto che mediante la decisione della controversia vuole riconosciuto. - Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile, II Volume, Casa Editrice Dottor Francesco Vallardi, III edizione, a fol 589. *L-istess ġurist imbagħad ikompli jissenjala hekk dwar dan il-presuppost proċesswali:* "La capacitá processuale va considerata sotto due aspetti: come capacitá, cioè di agire o di stare in giudizio. L'espressione «capacitá di agire in giudizio» serve a indicare l'attitudine giuridica di un soggetto ad essere «parte in giudizio». L'espressione «capacitá di stare in giudizio» indica invece l'attitudine all'esercizio legale della predetta capacitá ... Tanto l'una che l'altra delle espressioni menzionate, e quindi anche il tema dell'attuale ricerca, si riferiscono alla capacitá processuale attiva e passiva, cioè di attore come di convenuto, d'intervenuto, di chiamato in garantia, ecc ... si ricava, adunque, che la condizione fondamentale per la capacitá di agire in giudizio è la normale capacitá di possedere diritti, essere cioè soggetto di diritti; e che la condizione parimenti fondamentale per la capacitá di stare in giudizio è quella di avere il libero esercizio dei diritti, ovvero di supplirvi con le forme integrative o abilitative stabilite dalle leggi." *– Foll 630 u 631 tal-istess opera.) Għalhekk dak li kellu jintwera huwa li s-soċjetà attriċi kellha d-dritt hi stess (fn. 23 L-awturi Crisanto Mandrioli u Antonio Carratta jgħidu hekk:* "Presupposto significa requisito che deve esistere prima di un detrminato atto perché da quell'atto discendano determinate conseguenze. Riferendosi al rapporto giuridico processuale,

la dottrina configuri i presupposti processuali (o presupposti del rapporto processuale) come quei requisiti che debbono esistere prima dell’atto che pone in essere quel rapporto, ossia l’atto col quale si chiede la tutela giurisdizionale, cem come vedremo ampiamente, e la domanda”. *– Diritto Processuale Civilie, GIAPPICHELLI, Volume 1, XXVII exiss, 2019, fol 39) sabiex tħejji l-azzjoni proposta minnha. Huwa wkoll aċċettat li l-preżunzjoni hawn fuq imsemmija, hija waħda hekk imsejħa iuris tantum fis-sens li hija l-vinċibbli dik il-preżunzjoni bil-komfort ta' provi tajbin kontriha (fn. 24 F’dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima, mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ nhar it-30 t’April 1992 fejn awtorevolment kien ġie deċiż hekk:* “Illi hija ħaġa minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f’isem ħaddieħor.....il-piż tal-prova li min ikkontratta, ikkontratt f’isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel din l-allegazzjoni”. *Fuq l-istess tematika, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Anthony Sciberras et vs Anthony Montebello et, (Ċit Nru:744/1989/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta’ Frar 2003. F’dik is-sentenza, b’self minn sentenza preċedenti, kien ġie mfakkar hekk:* “......Kif rilevat fis-sentenza "Lawrence Formosa et nomine -vs- Silvio Felice", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 "Sewwa jingħad li l-prova meħtieġa biex tiġi newtralizzata din il-preżunzjoni iuris tantum tvarja sew minn każ għall-ieħor. Jispetta lill-ġudikant jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' ħaddiehor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhux daqstant ovvji."*)*

*Illi applikati dawn il-prinċipji għall-fattispecie ta’ dan il-każ, għal dan it-Tribunal il-preżunzjoni li Mario Falzon wera li kien qiegħed jaġixxi f’isem xi kumpannija hija mankanti. Dan jingħad għaliex huwa ċar (anke jekk wieħed kellu jelimina dibattitu dwar jekk verament il-konvenut Scerri ħasibx li dan il-materjal kien b’xejn jew kienx qiegħed jinnegozja xi forma ta’ xiri) li dan l-aħħar negozju sar proprju f’qafas ta’ diversi litiġji oħra. Huwa ammess u aċċettat mill-kontendenti li din il-kwistjoni “ġdida” rigwardanti l-appalt sar f’dan l-isfond. Dan meta Scerri u Falzon kellhom diġa pendenti diversi kawżi rigwardanti r-relazzjoni primarja tagħhom. Huwa dan il-mument li huwa ta’ rilevanza (fn. 25 F’dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Vella vs Vella, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta’ Diċembru 1999). Is-sempliċi fatt, li wara dan in-negozju, inħarġet fattura bl-intestazzjoni tas-soċjetà attriċi ma tgħin xejn sabiex ixxejjen id-dubji serji li għandu dan it-Tribunal li fil-verità ma kienx is-Sur Falzon waħdu li nnegozja dan il-bejgħ. It-tempistika ta’ kif ġraw l-affarijiet ukoll jimmilitaw favur it-teżi tal-konvenuti.*

*Illi għalhekk għal dan it-Tribunal, is-soċjetà attriċi ma kellhiex u m'għandiex l-interess ġuridiku sabiex tirnexxi f'din l-azzjoni (fn. 26 Dwar dan is-suġġett, wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet Jacqueline Rasenberg vs AM language Studio, (Tlb Nru: 5/2018 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presedut (fi proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar) nhar il-11 ta' Ġunju 2020).*

*Illi t-Tribunal sejjer jieqaf hawn u b'hekk iħalli kwistjonijiet oħra li ġew argumentati mpreġudikati. L-eċċezzjonijiet l-oħra għalhekk mhumiex qiegħdin jiġu deċiżi (fn. 27 Fis-sentenza fl-ismijiet Emanuela Bartolo et vs Marthese Caruana et, (App Ċiv Nru: 383/16/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-31 ta' Awwissu 2021, ingħad hekk:* "Għalkemm qorti tkun ħalliet kawża biex taqta' dwar numru ta' eċċezzjonijiet, ma jkollhiex għalfejn tqishom kollha jekk kemm-il darba tilqa' xi eċċezzjoni li tkun tolqot il-mixi 'l quddiem tal-kawża. L-għoti ta' sentenza huwa maħsub għad-deċiżjoni ta' punt mistħarreġ u mhux biex qorti toqgħod turi kemm taf. U jekk, wara li tingħata deċiżjoni dwar eċċezzjoni partikolari, ma jkunx għad hemm il-ħtieġa li qorti tgħaddi biex tistħarreġ eċċezzjonijiet oħrajn, dan ma jnaqqas xejn mis-siwi tal-mod kif dik il-qorti tkun għażlet li tqishom"*). Għalhekk dak li ġie hawnhekk deċiż m'għandux jinftiehem bħala ġudizzju dwar jekk din it-Talba tikkonċernax l-istess appalt preċedenti u, bi sfiq ma' dan, jekk il-mertu tal-proċeduri l-oħra attwalment pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili m'għandux b'xi mod jiġi mfixkel minħabba dak issa hawn deċiż.*

*Illi finalment tinħass il-ħtieġa li dan it-Tribunal jirrimarka li din id-deċiżjoni m'għandiex tinqara bħala kritika lejn id-difensur li assista lis-soċjetà attriċi waqt dawn il-proċeduri; li għamel xogħol lodevoli u b'żelu, kif anke jemerġi mit-trattazzjoni finali minnu magħmula (fn. 28 Fil-fatt, it-Tribunal deherlu li għandu jfaħħar lid-difensuri tal-partijiet hekk kif jemerġi mill-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru 2021 proprju għaliex mxew b'grad t'attività proċesswali ġusta u b'sens ta' xogħol preparat u studjat, li tistona ferm mal-informalżmu u leġġerezza li sfortunatament ta' spiss jirriskontra dan it-Tribunal fi proċeduri quddiemu). Huma l-fatti li wasslu għall-konviċiment ta' dan it-Tribunal kif hawn fuq indikat."*

**L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-27 ta' Lulju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *"...tħassar, tannulla u tirrevoka is-sentenza mogħtija nhar it-13 ta' Lulju 2022, mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet premessi, billi tilqa' it-talba attriċi u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjoni tal-intimati appellati.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati appellati."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li t-Tribunal għamel żball, meta laqa' l-ewwel parti tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, u ddeċieda li hija ma kellha l-ebda interess ġuridiku, u dan għaliex l-istess Tribunal kien għamel apprezzament ħażin tal-provi.

7. L-appellati wieġbu fis-16 ta' Settembru, 2022 fejn filwaqt li sostnew li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, issottomettew li l-appell tas-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak kollu li qies it-Tribunal, u tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellati fit-tweġiba tagħhom.

9. Is-soċjetà appellanta tispjega li l-aggravju tagħha huwa li t-Tribunal iddeċieda b'mod żbaljat meta laqa' l-ewwel parti tal-ewwel eċċezzjoni tal-appellati sabiex iddikjara li hija m'għandhiex interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri, u dan għaliex huwa kien għamel apprezzament ħażin tal-provi. Tispjega li l-obbligazzjoni li għaliha hija kienet qegħda tippretendi l-ħlas mingħand l-appellati, hija waħda ġdida u distinta mir-relazzjoni preċedenti li kien hemm bejn id-direttur tagħha Mario Falzon u l-appellati. Tissottometti li

din l-obbligazzjoni kienet tirrigwarda ordni ġdida għall-bejgħ u għall-konsenja ta' madum ġewwa l-fond, u li għaliha l-appellati qegħdin b'mod kapriċċuż jirrifjutaw li jħallsu għaliha. Is-soċjetà appellanta tirrileva li l-appalt preċedenti li kien hemm bejn Mario Falzon u l-appellati, kien ġie tterminat fl-2017 b'mod definittiv, u dan saħansitra ikkonfermah l-appellat. Tirrileva wkoll li dwar dan l-appalt, hemm proċeduri ġudizzjarji pendenti bejn il-partijiet li qegħdin jiġu mismugħa mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, u l-preżenti proċeduri ma kellhomx x'jaqsmu ma' dak l-appalt. Tissottometti li għandu jiġi osservat li l-appellat stqarr li huwa ma kienx ħallas il-prezz kollu tal-appalt lil Mario Falzon, u dan stante li huwa kien waqqfu. Is-soċjetà appellanta tispjega li darba minnhom fl-2019, filwaqt li Mario Falzon u l-appellat kienu qegħdin jiddiskutu sabiex isibu soluzzjoni ta' xi pendenzi li kien hemm bejniethom, dan tal-aħħar kien qal li huwa kien ilu jfittex ċertu madum mingħand bejjiegħa oħra, u talab lil Mario Falzon sabiex ifornih bl-imsemmi madum. Issostni li dakinhar Mario Falzon kien qed jitkellem bħala direttur tagħha, għaliex huwa ma kienx baqa' jiġġestixxi n-negozju f'ismu, iżda kien minflok stabbilixxa kumpannija, ċjoe s-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta tinsisti li din l-obbligazzjoni kienet waħda ġdida, fejn kellu jiġu kkonsenjat madum partikolari mingħajr it-tqegħid tiegħu, li kellu jsir minn terz. Tgħid li t-Tribunal madankollu aċċetta l-allegazzjoni tal-appellati, kif mhux sostanzjata, li huma dejjem innegozjaw ma' Mario Falzon fil-kwalità tiegħu personali. Tikkontendi li l-fattur importanti hawn kien il-konsapevolezza waqt il-kontrattazzjoni fejn l-appellati kienu jafu ma' min kienu qed jinnegozjaw. Is-soċjetà appellanta tissottometti li b'hekk ġaladarba n-negozju kien qed jiġi ġestit minn kumpannija, kienet din l-istess kumpanija li tista' toħroġ il-fattura relattiva. Tikkontendi li t-Tribunal kien skorrett meta qal

li l-ħruġ ta' fattura huwa '*sempliċi fatt',* għaliex dan kien regolat minn leġislazzjoni ferm riġida u rigoruża u ħadd ma seta' joħroġ l-imsemmija fattura jekk din tassew ma turix l-obbligazzjoni mwettqa. Min-naħa tagħhom, l-appellati qatt ma kkonstestaw il-fattura relattiva jew urew xi dubju dwarha. Tgħid li hawnhekk ir-raġunament tat-Tribunal mhux wieħed loġiku, u jwassal għal inġustizzja għaliex kien ifisser li issa l-appellati ma kienux ser iħallsu għall-madum ipprovdut lilhom. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li ma kinitx veritiera d-dikjarazzjoni tal-appellat li huwa ma kienx jaf bl-eżistenza tas-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta tgħid li saħansitra erba' xhur qabel ma l-appellati kienu akkwistaw il-madum mingħandha, is-soċjetà J. Scerri Co. Ltd fejn l-appellata kienet direttur u kienet azzjonista b'12,540 sehem minn 15,000, u l-appellat li huwa komparteċipi magħha fil-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, filwaqt li jieħu ħsieb is-*sales* ta' dik il-kumpannija u jkun preżenti fil-ħanut ġestit minnha bl-isem *Centro Casalinga,* ħarġu mandat ta' qbid nru. 1408/2018 fil-konfront tas-soċjetà appellanta u eżegwewh fuq l-azzjonijiet li Mario Falzon għandu fiha. Iżda t-Tribunal naqas li jsemmi dan, tgħid is-soċjetà appellanta. Tagħlaq billi ssostni li l-eċċezzjoni tal-appellati hija biss tentattiv sabiex huma ma jonorawx l-obbligi tagħhom għall-ħlas, u dan fejn ħareġ ċar li huma kienu konsapevoli tal-eżistenza tagħha.

10. L-appellati jiftħu s-sottomissjonijiet tagħhom billi jagħmlu riferiment għall-ġurisprudenza li turi li qorti tal-appell m'għandhiex tiddisturba malajr l-apprezzament tal-ewwel qorti jew tribunal, jekk mhux minħabba raġunijiet gravi li jwasslu għal inġustizzja. Jikkontendu li madankollu dan mhux il-każ hawnhekk, u filwaqt li jelenkaw id-diversi fatti li kkunsidra t-Tribunal, jikkontendu li dan kien korrett fl-analiżi tagħhom. Isostnu li t-Tribunal eżamina

bir-reqqa l-imsemmija fatti, u ċertament m'għamel l-ebda apprezzament ħażin jew żbaljat tagħhom, u li għalihom applika l-prinċipji legali u ġurisprudenzjali sabiex anki l-konklużjoni hija waħda korretta. Jikkontendu li ma kien hemm l-ebda prova li Mario Falzon kien qed jinnegozja f'isem is-soċjetà appellanta jew li huma kienu raġonevolment jafu li huwa kien qed jaġixxi f'din il-vesti. L-appellati jirrilevaw li s-soċjetà appellanta ttantat ixxejjen ir-raġunament tat-Tribunal fuq żewġ aspetti: (a) l-ewwel wieħed huwa li ġaladarba l-appalt kien ġie tterminat, kwalunkwe negozju li sar wara kien awtonomu u indipendenti, iżda l-provi u r-riżultanzi probatorji kienu juru li l-konsenja kienet marbuta mal-appalt ikkummissjonat lil Mario Falzon li kien suġġett ta' litiġju pendenti; (b) l-appellati kienu jafu bl-eżistenza tas-soċjetà appellanta, għaliex xi żmien qabel ma ġew intavolati l-preżenti proċeduri, huma kienu ppreżentaw rikors għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju fejn indikaw lis-soċjetà appellanta, iżda dan ma jbiddel xejn mill-fatt li r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet qatt ma eżistiet. Filwaqt li jagħmlu riferiment għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 8(4) tal-Kap. 380, l-appellati anki għall-fini ta' kompletezza jiġbdu l-attenzjoni għal diversi fatturi oħra li jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba mit-Tribunal.

11. Il-Qorti tgħid li t-Tribunal kien korrett fir-raġunament u fil-konklużjoni tiegħu. Beda billi sewwa rrileva li hemm preżunzjoni li meta wieħed jikkuntratta, dan jagħmlu fil-vesti tiegħu personali u mhux in rappreżentanza ta' soċjetà, f'liema eventwalità, iżżid tgħid din il-Qorti, din kienet tenuta tressaq id-debita prova konvinċenti.[1] Qal li l-ġurisprudenza tagħna turi qbil dwar dan. It-Tribunal

[1] Ara App.Sup. 1184/01, Camel Brand Co. Ltd *vs.* Michael Debono eżerċenti l-kummerċ taħt l-ismijiet separati Happy Saver Supermarket, RC Supermarkt, Savemart Supermarket, M.A. Supermarkets u M.A. Supermarket Ltd, deċiża fis-7 ta' Ottubru, 2005.

għaraf li b'hekk fil-każ odjern, is-soċjetà appellanta kellha turi li hija kellha d-dritt sabiex tintavola l-preżenti proċeduri. Qal li applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, kien jirriżulta li kienet difettuża l-preżunzjoni li Mario Falzon kien qiegħed jaġixxi f'isem xi kumpannija. It-Tribunal jispjega li dan in-negozju tal-aħħar sar f'sfond ta' diversi litiġji oħra, kif aċċettat mill-partijiet, fejn il-kawżi kienu jirrigwardaw r-relazzjoni prinċipali tagħhom. It-Tribunal sostna li huwa proprju dan il-mument li kien ta' rilevanza, u s-sempliċi fatt li wara li seħħ dan in-negozju kienet inħarġet fattura bl-intestazzjoni tas-soċjetà appellanta, ma kienx ixejjen id-dubji serji li huwa kellu li fil-verità ma kienx Mario Falzon waħdu li nnegozja l-bejgħ. Qal ukoll it-tempistika ta' kif ġraw l-affarijiet issostni t-teżi tal-appellati. B'hekk iddikjara li s-soċjetà appellanta ma kellhiex u m'għandhiex l-interess ġuridiku nċessarju sabiex tirnexxi l-azzjoni odjerna.

12. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tat-Tribunal. Tagħraf li l-bejgħ u l-konsenja tal-madum in kwistjoni kien relatat mal-obbligazzjoni prinċipali li assuma Mario Falzon versu l-appellati, fejn l-ammont fatturat għall-madum li tqiegħed ħażin u li kellu jiġi mibdul jidher fir-rendikont li huwa kien għadda lill-istess appellati meta kienu qegħdin isiru n-negozjati ġewwa *Loft Cafe* fin-Naxxar sabiex jirriżolvu l-vertenza ta' bejniethom.[2] Min-naħa tagħha s-soċjetà appellanta qegħda tikkontendi l-kuntrarju, jiġifieri li l-bejgħ u l-konsenja tal-madum kien jikkostitwixxi negozju ġdid magħha. Iżda l-Qorti tgħid li s-soċjetà appellanta tonqos li tiġġustifika b'mod konvinċenti, anki fir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti, għaliex l-allegata ordni lilha għal konsenja ta' madum saret proprju wara li ngħalaq l-appalt mogħti lil Mario Falzon, hekk kif l-appellati kienu

[2] Ara xhieda tal-appellat seduta tat-8 ta' Lulju, 2021 quddiem it-Tribunal a *fol.* 128 *tergo* u Dok. JG1 a *fol.* 130.

waqqfuh f'xogħolu b'mod definittiv wara li żviluppaw diversi difetti fix-xogħol kollu, tant li l-madum imqiegħed kellu jinqala' u jsir mill-ġdid.[3]

13. Fl-imsemmi rikors tal-appell tagħha, is-soċjetà appellanta tissottometti li dakinhar li saret il-laqgħa ġewwa n-Naxxar, *"...din id-darba u fir-rigward tal-ordni l-ġdida tal-madum, Mario Falzon kien qed jitkellem fil-vesti tiegħu ta' direttur tas-soċjetà esponenti stante illi Mario Falzon ma kienx baqa' jopera in-negozju f'ismu personali iżda kien inkorpora s-soċjetà Proman Limited fl-2018",* iżda minn imkien ma jirriżulta li l-istess Mario Falzon għamel ċar lill-appellat li huwa ma kienx għadu qed jitkellem f'ismu dwar l-ordni in kwistjoni. Wara kollox, il-laqgħa kienet saret sabiex jiġu riżolti l-pendenzi bejnu personalment u l-appellati, u għalhekk anki fid-dawl tal-ġurisprudenza li hija ċara fuq dan il-punt, il-preżunzjoni dejjem kellha tkun u tibqa' li huwa kien qed jidher fil-vesti personali tiegħu. Il-Qorti tgħid li fin-nuqqas tal-intendiment ċar min-naħa tiegħu, fejn huwa kien ġab il-fatt tar-rappreżentanza tiegħu a konoxxenza tal-appellati, il-preżunzjoni dejjem kellha tkun li n-negozju sar mill-istess Mario Falzon personalment. Tqis li dan ma seta' qatt mingħajr il-kunsens tal-appellati, jagħżel sussegwentement li minn jeddu joħroġ fattura fuq kumpannija fejn huwa kien direttur u azzjonist.

14. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat, u tiċħdu.

---

[3] Ara xhieda tal-appellat, seduta tat-18 ta' Ottubru, 2021 quddiem it-Tribunal a *fol.* 139 *tergo.*

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell intavolat mis-soċjetà appellanta, filwaqt li tikkonferma fl-intier tagħha s-sentenza appellata.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**